

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni li jikkonċerna l-valur miżjud tal-istrateġiji makroreġjonali"

COM(2013) 468 final

(2014/C 67/11)

Relatur: **is-Sur BARÁTH**

Korelatur: **is-Sur MALLIA**

Nhar it-3 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni li jikkonċerna l-valur miżjud tal-istrateġiji makroreġjonali

COM(2013) 468 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-4 ta' Ottubru 2013.

Matul l-493 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Ottubru 2013 (seduta tas-16 ta' Ottubru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'mod unanimu.

1. Introduzzjoni

1.1 F'April 2011, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni Ewropea tippreċiżar l-prinċipji għat-tfassil tal-istrateġiji tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Istrateġija għall-Baħar Baltiku") u għar-Reġjun tad-Danubju (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Istrateġija għad-Danubju") sabiex jiġi evalwat il-valur miżjud ta' dawn l-istrateġiji u jitressaq rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew qabel Ġunju 2013. Fl-2012, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta strateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Adrijatiku u tal-Baħar Jonju qabel l-2014, skont ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni.

1.2 Fuq stedina tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fassal opinjoni b'konformità ma' dak li jissemma' hawn fuq, fejn ġie diskuss ir-rapport dwar "il-valur miżjud tal-istrateġiji makroreġjonali".

1.3 Loġikament, din l-opinjoni tal-KESE mhux ser tkopri t-tfassil ta' strateġiji makroreġjonali għall-kosta Atlantika⁽¹⁾ u r-reġjun Mediterranju⁽²⁾ u lanqas il-proposti tal-Kumitat relatati ma' dan.

2. Kummenti u konklużjonijiet

2.1 Il-KESE japprova l-konklużjonijiet prinċipali li jinsabu fir-rapport.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Niżviluppaw Strateġija Marittima għaż-Żona tal-Oċean Atlantiku", ĠU C 229, 31.7.2012, p. 24.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Lejn strateġija makroreġjonali tal-UE għall-iżvilupp tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fil-Mediterran" (ECO/342).

2.1.1 Il-kunċett ta' makroreġjun, li jistrieħ fuq prinċipju minn isfel għal fuq, jista' ġenwinament jindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw ir-reġjuni. Il-prinċipji applikati fil-kuntest taż-żewġ esperjenzi tal-istrateġiji makroreġjonali li saru s'issa fl-Ewropa rriżultaw eċċellenti bħala għodda li tippermetti t-tisħiħ tal-koeżjoni u l-konverġenza soċjali, ekonomika u territorjali.

2.1.2 L-approċċ makroreġjonali, kemm fis-sens politiku, ambjentali u soċjoekonomiku, jista' jikkostitwixxi għodda prezzjuża biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi jew ir-reġjuni Ewropej, jittaffew it-tendenzi nazzjonalisti permezz ta' kunsens soċjali, rispettu u aċċettazzjoni reċiproċi akbar u jikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, permezz tal-valur miżjud Ewropew għall-gruppi ta' interess.

2.1.3 L-istrateġiji makroreġjonali jistgħu jkunu strumenti utli biex jimtlew il-lakuni fir-rigward tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni pubblika. Il-popolazzjoni tal-lokalitajiet u r-reġjuni kkonċernati u l-intrapriżi rilevanti għandhom ikunu infurmati aħjar fir-rigward tal-programmi u l-proġetti li jkunu għaddejjin.

2.1.4 L-iżvilupp ta' approċċ strateġiku komuni fiż-żewġ makroreġjuni, l-implimentazzjoni ta' rabtiet istituzzjonali u l-ippjanar aktar kreattiv huma eżempji tajba tal-ewwel suċċess tal-kooperazzjoni makroreġjonali flivell indaqs, karatteristika għida tal-politika Ewropea. Il-proġetti u l-inizjattivi l-ġodda kif ukoll is-suċċess miksub, li jmur lil hinn minn sempliċità impressjoni, mill-azzjoni konġunta jixhdu l-isforzi li saru mill-atturi soċjoekonomiċi fi ħdan ir-reġjuni.

2.1.5 Il-KESE japprova l-konklużjonijiet prinċipali li jinsabu fir-rapport:

- ikun aħjar jekk ikun hemm inqas prijoritajiet;
- hemm bżonn ta' impenn politiku b'saħħtu;
- aktar sorsi ta' finanzjament għandhom ikunu disponibbli;
- huwa kruċjali li jissaħħa l-għarfien amministrattiv (ġestjoni, organizzazzjoni);
- huwa kruċjali li jitkejlu u jiġu evalwati r-riżultati mil-lat kwantitattiv kif ukoll kwalitattiv;
- jeħtieġ li jitnaqqas il-piż amministrattiv.

2.2 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kooperazzjoni makroreġjonali hija parti mill-proċess għat-tisħiħ tad-demokratizzazzjoni tal-UE u mit-tisħiħ tal-inizjattivi li jibdew mill-aktar livell baxx. Din il-kooperazzjoni hija katalista pożittiva, li tiddefendi u tikkompleta l-valuri fundamentali tal-UE.

2.3 Il-KESE jirrikonoxxi li r-rapport huwa sod metodoloġika u jaqbel li l-evalwazzjoni approfondita kienet ġustifikata, partikolarment fid-dawl tal-metodoloġija li għadha mhux żviluppata tajjeb sabiex jiġu analizzati l-istrateġiji makroreġjonali u fin-nuqqas ta' indikaturi speċifiċi ta' statistika.

2.4 Il-KESE japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2012, li skonthom jeħtieġ li jiġi approfondit is-suq intern u tiġi żviluppata l-kompetittività tal-UE. Huwa diżappuntanti li, apparti l-prinċipji ġenerali - integrazzjoni, koordinazzjoni, kooperazzjoni, governanza f'diversi livelli, sħubija - il-Kunsill ma jikkontribwixxi għat-twettiq tal-istrateġiji makroreġjonali permezz ta' strumenti addizzjonali ta' finanzjament.

2.5 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fehma tal-esperti li skonthom il-problema prinċipali hija n-nuqqas ta' koerenza bejn irrieda politika deċentralizzata u l-finanzjament.

2.6 Il-prijorità mogħtija lis-sostenibbiltà (pereżempju t-Tkabbir "Ikħal" u "Aħdar") u l-iżvilupp tal-infrastruttura hija element naturali tal-ħsieb makroreġjonali. Din tiġġenera l-valur miżjud Ewropew.

2.7 Madankollu, immedjatament u fuq perjodu qasir, l-attivitajiet ekonomiċi jistgħu jwasslu għal żieda "fil-valur miżjud Ewropew" permezz tat-tkabbir tal-PDG u tal-impjiegi.

2.8 Skont il-KESE, ir-regola tar-"rifjut triplu" m'għadhiex tapplika: hemm finanzjament mill-qafas finanzjarju fuq perjodu medju 2014-2020, qed tiġi implimentata sistema amministrattiva u istituzzjonali sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni u l-qafas strateġiku komuni fih ir-regolamentazzjoni neċessarja. Fl-interess tat-tisħiħ tal-innovazzjoni, l-appoġġ tal-SMEs, in-netwerking u l-impjiegi, għandu jkun hemm aktar fehim tal-prinċipju ta'"aċċettazzjoni tripla" għall-istrateġiji makroreġjonali waqt l-evalwazzjoni tal-politika ta' appoġġ.

2.9 Jeħtieġ li l-istrateġija makroreġjonali tingħata prijorità matul il-perjodu ta' programmar Ewropew 2014-2020, billi l-mudell il-"għdid" ta' kooperazzjoni territorjali jiġi integrat fil-fehim ta' sħubija u fil-programmi operattivi (FEŻR, FSE, FAEŻR u FEMS) u titpoġġa enfasi speċifika fuq il-kunċett ta' "żvilupp makroreġjonali mmexxi mill-komunità", li għandu l-karatteristiċi li ġejjin:

- jiffoka fuq oqsma speċifiċi;
- huwa mmexxi mill-komunità, jiġifieri minn gruppi ta' azzjoni makroreġjonali magħmula minn rappreżentanti tal-interessi ekonomiċi u soċjali, pubbliċi u privati;
- jitwettaq fuq il-bażi ta' strateġji integrati u multisettorjali ta' żvilupp lokali
- fit-tfassil tiegħu jqis il-bżonnijiet u l-potenzjal makroreġjonali.

2.10 L-"iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità" ser:

- iħeġġeġ lill-komunitajiet makroreġjonali sabiex jiżviluppaw approċċi minn isfel għal fuq f'ċirkostanzi fejn ikun hemm bżonn li jiġu indirizzati l-isfidi li jappellaw għal bidliet strutturali;
- isahħa il-kapaċitajiet lokali u ser jistimula l-innovazzjoni (inkluża l-innovazzjoni soċjali), l-intraprenditorjat u l-kapaċità għall-bidla billi jħeġġu l-iżvilupp u l-iskoperta tal-potenzjal mhux sfruttat fi ħdan il-komunitajiet u t-territorji;
- jikkontribwixxi għall-governanza f'diversi livelli billi joffri lill-komunitajiet makroreġjonali l-possibbiltà li jipparteċipaw bis-sħiħ fit-tħejjija tal-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-UE fl-oqsma kollha.

2.11 Fuq l-inizjattiva tiegħu, il-KESE jista' jikkunsidra li jfassal analiżi globali tal-importanza tal-istrateġiji makroreġjonali għall-ġejjieni tal-Ewropa u ser iressaq proposta dwar kif dawn l-istrateġiji għandhom jiġu aġġustati biex tinkiseb prattika uniformi fil-qasam tal-iżvilupp Ewropew.

3. **Riżultati**

3.1 Ir-rapport tal-Kummissjoni jinnota li, skont ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku u għad-Danubju, l-istrateġija makroreġjonali ppermettew l-iżvilupp ta' proġetti ġodda u ħaffu t-tweġiq ta' proġetti transnazzjonali eżistenti. L-istrateġija ffaċilitaw in-netwerking u ppermettew ukoll li jiġu mnedija inizjattivi konġunti fir-reġjuni kkonċernati. Il-proġetti "ewlenin" jistgħu jservu kemm ta' xpruni eċċellenti kif ukoll ta' proġetti eżemplari għar-reġjun.

3.1.1 Bħala l-ewwel strateġija makroreġjonali li għalhekk isservi ta' mudell, l-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, bit-tliet għanijiet prinċipali u l-15-il prijorità tagħha, identifikat mill-bidu b'ċertezza għolja l-oqsma li jistgħu jikkostitwixxu l-għanijiet prinċipali tal-kooperazzjoni reġjonali filwaqt li kkontribwixxiet b'mod effikaċi għall-implimentazzjoni tal-politiki speċjalizzati u tal-politiki orizzontali Ewropej.

3.1.2 L-iżvilupp tas-settur marittimu, it-tiġh tar-rabtiet reġjonali, l-investiment fil-futur tal-persuni u favur it-kabbir ekonomiku s'issa huma l-oqsma mmirati li kkontribwixxew għal approċċi oħra sabiex jiġu żviluppatti l-makroreġjuni.

3.2 L-Istrateġija għad-Danubju, bħala t-tieni strateġija makroreġjonali li ġiet adottata u li tinkludi ħames għanijiet prinċipali u ħdax-il prijorità, tiffoka u ttejjeb ir-riflessjoni reġjonali u l-oqsma ta' azzjoni konġunta.

3.2.1 Bl-istess mod tal-oqsma tematiċi tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, jiddominaw il-prijoritajiet ambjentali u tal-infras-truttura (konnessjonijiet bejn ir-reġjuni, protezzjoni tal-ambjent, tiġh tar-reġjuni) iżda l-proposti u l-proġetti marbutin mat-tiġh tal-prosperità ekonomika u soċjali jirriflettu r-rieda politika sabiex ikun hemm konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020.

3.3 F'diversi studji l-KESE approva l-isforzi li saru mill-Unjoni sabiex ir-riżorsi disponibbli jintużaw bl-aktar mod effikaċi u effiċjenti possibbli. Għal dan il-għan jeħtieġ li jiġu armonizzati l-istrumenti u jissaħħu l-azzjonijiet konġunti. Hemm bżonn ovvju li jintużaw ir-riżorsi "esterni". Anke f'dan il-qasam, l-inizjattivi makroreġjonali kisbu riżultati ġodda. (Pereżempju nistgħu nikkwotaw l-eżempji ta' Baden-Württemberg jew il-koordinazzjoni tal-fondi għall-kapital ta' riskju, imsemmija fir-rapport.)

3.4 Kemm iż-żewġ strateġiji li qed jiġu analizzati kif ukoll l-opinjoni fuq inizjattiva proprja li ġew adottati s'issa mill-KESE, b'mod partikolari dwar l-istrateġija makroreġjonali għall-Mediterran u l-kosta Atlantika, enfasizzaw l-importanza tal-kooperazzjoni politika u ekonomika mal-pajjiżi terzi u ġibdu l-attenzjoni għall-potenzjal li jtnaqqsu numru ta' riskji relatati mal-politika ta' sigurtà, is-soluzzjoni ta' problemi relatati mal-immigrazzjoni illegali, eċċ.

3.5 Il-KESE jinsisti bis-sħiħ fuq l-importanza kruċjali tal-ftehimiet ta' sħubija li qegħdin jithejju u li ġew negoziati. Dawn

għandhom iqisu l-kuntest makroreġjonali. Hemm bżonn ukoll ta' koordinazzjoni adegwata mal-imsieħba soċjali, l-armonizzazzjoni "orizzontali", bejn il-pajjiżi u r-reġjuni, tal-proposti u l-proġetti li jidhru f'kull programm operattiv u l-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet interessati ekonomiċi, soċjali u tas-soċjetà ċivili.

4. **Proposti**

4.1 Il-KESE jħoss li huwa indispensabbli u possibbli li l-prinċipji adottati jiġu żviluppatti aktar u estenzi.

4.2 Ikun żball li l-makroreġjuni jiġu indirizzati bħala fenomen purament ġeografiku: jeħtieġ li jitqiesu wkoll ir-relazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u storiċi kumplessi.

4.3 L-espressjoni ta' "sfidi komuni" kif ukoll ta' "kooperazzjoni mtejba" f'termini ta' skopijiet ta' koeżjoni tnaqqas il-possibbiltà li interpretazzjoni funzjonali ta' makroreġjun lil hinn mill-fruntieri tiegħu kif ukoll tal-impatt tiegħu fuq il-proċessi ta' żvilupp u ta' koeżjoni fl-Ewropa kollha.

4.4 Il-kunċett ta' "valur miżjud" b'rabta mal-makroreġjuni ma ġiex definit fir-rapport. Skont il-KESE, il-kunċett ta' valur miżjud fil-każ tal-istrateġija makroreġjonali jista' jirreferi biss għall-valur li r-reġjuni jew l-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jipprovdu ħlief permezz ta' investimenti ogħla jew li huma inqas effikaċi.

4.5 Fi żmien r-"rifjut triplu" kien jinftiehem, però issa m'hemm l-ebda dubju li dan jista' jwassal li jiġi abbandunat il-valur miżjud Ewropew fi żmien meta l-irkupru għadu fraġli u jeħtieġ jissaħħaħ.

4.6 Is-sitwazzjoni attwali tal-istrateġija makroreġjonali tirrifletti l-approċċ Ewropew li skontu l-istrumenti u r-riżorsi disponibbli f'kull reġjun jistgħu jkunu aktar effikaċi permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni adegwata fit-territorji tal-Istati Membri u tar-reġjuni parteċipanti (f'dan ir-rigward il-Kummissjoni Ewropea taqdi rwol pjuttost effikaċi). Il-valur miżjud Ewropew fil-livell tal-makroreġjuni qiegħed jiżdied.

4.7 Skont il-KESE, huwa probabbli li l-valur miżjud pan-Ewropew li jista' jiġi ġġenerat fil-livell tal-makroreġjuni jiżdied b'mod sostanzjali permezz tal-iżvilupp ta' strumenti addizzjonali, it-tiġh tal-kapaċità legali u istituzzjonali u l-implimentazzjoni tar-riżorsi addizzjonali.

4.8 Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tax-xenarji differenti għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea sal-2020 u ta' ċerti proposti ta' interess Ewropew, bħal, pereżempju, l-għanijiet u l-fondi distinti tal-mekkaniżmu "Nikkollegaw l-Ewropa", jeħtieġ li tintalab responsabbiltà fil-livelli kollha għal kull "valur miżjud" maħluq, kull darba li jkun hemm investiment jew żvilupp permezz tal-użu tal-fondi Ewropej.

4.9 L-estensjoni ta' strumenti bħal dawn fil-livell makroreġjonali hija kundizzjoni essenzjali sabiex tinkiseb l-Istrateġija Ewropa 2020.

4.10 Il-KESE huwa tal-fehma li l-estensjoni tal-oqfsa politiki, istituzzjonali, legali u finanzjarji, appartni l-kontroll tal-"valur miżjud Ewropew":

— tista' tikkontribwixxi sabiex jiġi aċċellerat il-proċess ta' rkupru mill-kriżi;

— fir-rigward tal-futur tal-Ewropa u fil-kuntest tal-kontroll tar-riformi istituzzjonali u l-leġislazzjoni, tista' tippermetti li mill-qrib jiġi mmonitorjat sa fejn il-miżuri li ttieħdu minn kull Stat Membru jirrispettaw il-loġika Ewropea u huma konsistenti mal-prinċipji tal-"valur miżjud", anke meta l-iżvilupp jew l-investiment inkwistjoni ma jkun saru direttament permezz tal-fondi Ewropej;

— tista' tagħti valur addizzjonali importanti fl-interess tat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjegi.

4.11 Il-KESE huwa tal-fehma li t-tisħiħ tal-governanza politika u li huwa bbażat fuq l-iżvilupp fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali joffri "valur miżjud" Ewropew sinifikanti. Huwa jqis li t-tensjonijiet politiki f'it jew wisq qawwija bejn il-federalisti u n-"nazzjonalisti", li s'issa kkaratterizzaw l-istorja sħiħa tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jittaffew permezz tat-tisħiħ tal-livell intermedju ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni waqt li jitqiesu l-fruntieri storiċi u ġeografiċi u t-tradizzjonijiet.

4.12 Fil-fehma tal-KESE, huwa possibbli li l-makroreġjuni jiġu interpretati b'mod funzjonali. Permezz tan-netwerks innovattivi, l-iżviluppi u miżuri oħra transkonfinali ta' interess Ewropew isaħħu t-tkabbir tal-UE u l-koeżjoni.

4.13 Il-KESE jipproponi li jitwettaq progress politiku fir-rigward tal-indirizzar tal-makroreġjuni. Bi prinċipju, il-Kunsill għandu jiddikjara l-appoġġ tiegħu għall-inizjattivi li jibdeu mill-aktar livell baxx kif ukoll appoġġ futur "laterali" u "li jibda mill-aktar livell għoli" tal-istituzzjonijiet kollha. B'mod ġenerali, abbażi tal-esperjenza preċedenti, dan jista' jiġi applikat għall-oqfsa (funzjonijiet) li ġejjin:

- a) riċerka, edukazzjoni, taġlim tal-lingwi, kooperazzjoni fil-kwistjonijiet ta' kultura u saħħa;
- b) kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija, il-protezzjoni tal-ambjent, il-loġistika, it-trasport, is-servizzi pubbliċi (ilma, dranaġġ, skart);
- c) pjanar konġunt mill-korpi pubbliċi, istituzzjonijiet reġjonali u awtoritajiet lokali u reġjonali;
- d) tisħiħ tal-involvement tas-soċjetà ċivili u tal-NGOs;
- e) kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u l-migrazzjoni;

f) miżuri prattiċi għall-kompetizzjoni fis-suq (kooperazzjoni konkreta fis-suq tax-xogħol, appoġġ lill-SMEs, stabbiliment ta' fondi għall-iżvilupp);

g) kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika.

4.14 L-istrateġiji makroreġjonali jistgħu jagħtu kontribut prezzjuż lill-kooperazzjoni transkonfinali bejn il-bliet, lill-implimentazzjoni ta' netwerk ta' poli teknoloġiċi u lill-iżvilupp aktar rapidu tal-innovazzjoni.

4.15 Ħafna minn dawn huma oqfsa fejn huma ġustifikati inizjattivi li jibdeu prinċipalment mill-aktar livell baxx, u fejn il-kunsilli ekonomiċi u soċjali nazzjonali jistgħu jaqdu rwol miżjud. Ir-rapport ma jsemmix l-importanza li s-setturi ekonomiċi u soċjali jipparteċipaw u jiġu kkonsultati.

5. Ħidma futura

5.1 Il-KESE jaqbel li l-parteeipanti fl-istrateġiji makroreġjonali għandhom iqisu li dawn l-istrateġiji huma responsabbiltà trasversali tal-gvernijiet tagħhom.

5.2 Il-KESE jqis li l-kompiti amministrattivi għandhom jitnaqqsu għall-minimu u li l-Kummissjoni Ewropea għandha tfassal u tipproponi metodi ġodda sabiex jiġi involut il-pubbliku, pereżempju permezz ta' għodod tad-demokrazija elettronika. Huwa essenzjali li tiżdied il-parteeipazzjoni kemm fil-livell tat-tiejjija kif ukoll f'dak tal-implimentazzjoni.

5.3 Jeħtieġ li jiġi appoġġat il-prinċipju li skontu l-għanijiet makroreġjonali għandhom jiġu integrati fil-ftehimiet kollha ta' sħubija u fil-programmi operattivi kollha.

5.4 Il-Kummissjoni Ewropea għandha tappoġġja l-applikazzjoni ta' prattiki tajbin fir-rigward tal-istrumenti eżistenti ta' programmar, inkluż fil-każ tar-reġjuni li għandhom qed jiżviluppaw jew li qed jiġu diskussi.

5.5 Skont il-KESE, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva jista' jingħeleb biss jekk jintwera li dan l-approċċ huwa fl-interess ta' użu effiċjenti tar-riżorsi.

5.6 Il-KESE jqis neċessarju li jiġu introdotti miżuri u indikaturi realistiċi sabiex jiġi żgurat is-segwitu tal-progress. Iżda hija indispensabbli l-parteeipazzjoni attiva tal-Kummissjoni u ta' istituzzjonijiet Ewropej oħra, b'mod partikolari sabiex jittfassal l-indikatur tal-valur miżjur, minħabba n-natura multipla tiegħu.

5.7 Il-KESE huwa favur li jissaħħaħ l-approċċ minn isfel għal fuq, li s'issa ħalla l-frott, iżda jħoss li jkun tajjeb li jiġu assoċjati aktar mill-qrib l-imsieħba ekonomiċi, ambjentali, soċjali u lokali u li jiġu żviluppati relazzjonijiet trasversali mal-makroreġjuni li jkunu għandhom kif inħolqu.

5.8 Il-KESE huwa tal-fehma li jeħtieġ li tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-istrateġiji u jkun hemm l-għan li mhux biss tiġi ppreservata n-natura speċifika tagħhom iżda wkoll li tiġi estiża.

5.9 Il-KESE jissuġġerixxi li waqt li qed tfassal forum ġodda ta' ġestjoni, il-Kummissjoni Ewropea tippreżenta wkoll għażla li tista' twassal għall-implimentazzjoni ta' ġestjoni "ta' livell intermedju" makroreġjonali u bbażata fuq l-iżvilupp fit-territorju tal-UE.

5.10 L-inizjattivi makroreġjonali jinkludu fundamentalment żewġ dimensjonijiet, waħda transnazzjonali u waħda Ewropea. Skont il-KESE, s'issa l-attenzjoni kienet esklussivament fuq il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-pajjiżi differenti. Waħda mill-konklużjonijiet l-aktar importanti tar-rapport huwa li jintlaqgħu tajjeb l-isforzi sabiex l-azzjonijiet konġunti jkollhom dimensjoni Ewropea u jwasslu għal valur miżjud Ewropew.

5.11 Skont il-KESE, jekk l-inizjattivi makroreġjonali b'dimensjoni Ewropea jkollhom l-appoġġ xieraq, dawn jistgħu jikkontribwixxu sabiex itejbu l-kredibbiltà politika tal-Unjoni u tiġi implimentata Prattika ġdida ta' żvilupp permezz ta' aktar parteċipazzjoni mis-soċjeta.

5.12 Għal darb'oħra dan iwassal għall-mistoqsija jekk l-impenji politiċi meħuda fil-livell Ewropew li jridu jiġu żviluppati fil-livell lokali jistgħux jiġu kkomplementati permezz ta' impenji makroreġjonali li jridu jiġu implimentati fil-livell Ewropew. Il-"kooperazzjoni mtejba" imsemmija mill-Kummissjoni tista' wkoll timplika dan.

5.13 B'mod ġust il-Kummissjoni Ewropea tindika li l-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji bbażati fuq il-baċiri tal-baħar jindirizzaw aspirazzjonijiet simili, iżda dan il-punt jirrifletti b'mod ċar id-diviżjonijiet interni fi ħdan il-Kummissjoni u r-riskji marbutin mal-frammentazzjoni tal-istrateġiji. Mhuwiex possibbli li l-elementi ta' "strateġija marittima" jiġu ppreżentati bħala elementi makroreġjonali jekk il-komponenti bħall-infrastruttura tal-kosti marittimi jew tal-oċean, l-urbanizzazzjoni, il-produzzjoni, eċċ., mhumiex marbuta jew ma jistgħux jintrabtu mal-kompiti tal-kapaċitajiet jew tal-perikli marittimi jew tal-oċean li għandhom ċertu importanza mil-lat tal-produzzjoni u l-protezzjoni.

5.14 Għalhekk għandhom jiġu approvati mingħajr riżervi l-konklużjonijiet tar-rapport li jindikaw li jeżistu possibbiltajiet oħra li għandhom ma ġewx sfruttati. Madankollu mhix aċċettabbli l-pożizzjoni li skontha jista' jkun hemm aktar żviluppi u azzjoni intensifikata "mingħajr l-involviment tal-Kummissjoni,

jew ibbażat[i] aktar esklussivament fuq programm transnazzjonali".

5.14.1 Dan huwa l-uniku punt fl-evalwazzjoni fejn il-Kummissjoni Ewropea tindika b'mod espliċitu li ma tixtieqx tipparteċipa fit-tħejija jew l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali jew li taqdi l-iċken rwol, minkejja li tħoss li jistgħu jiġu żviluppati u implimentati diversi paradigmi oħra. Iżda d-dokument ma jippreċiżax liema huma dawn il-paradigmi!

5.15 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tkompli taqdi rwol ċentrali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali. Huwa jitlob ukoll li l-Kunsill jagħti lill-Kummissjoni l-għodod u r-riżorsi meħtieġa biex tkun tista' taqdi dan ir-rwol kif imiss.

5.16 Il-kunċett ta' programm transnazzjonali juri li l-programmi li għandhom valur miżjud Ewropew jistgħu jiksbu ċertu appoġġ, mingħajr ma joħorġu mill-qafas tar-rifjut triplu. Eżempju ta' dan huma l-programmi li jiżguraw konformità aħjar tad-dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-ambjent, tisħiħ tal-investimenti marbutin mal-UE jew massa kritika għall-innovazzjoni.

5.17 Ir-rapport ma fihx l-iċken informazzjoni dwar kif għandu jiġi sfruttat il-valur miżjud Ewropew, l-evalwazzjoni tiegħu, il-mod kif għandhom jintużaw ir-riżultati u inċentivi oħra.

5.18 Fil-fehma tal-KESE, il-kummenti li tqassru b'mod tassew qasir fil-"Konklużjonijiet" jistħoqqilhom li jtlahhmu iktar biex jindirizzaw l-esiġenzi espressi fit-titolu. Il-kwistjoni tal-"governanza" bla dubju hija importanti, peress li hija l-Unjoni Ewropea li fl-aħħar mill-aħħar trid tiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet ġenerali tal-governanza.

5.19 Il-perspettiva makroreġjonali, kemm fis-sens politiku u ambjentali kif ukoll f'dak soċjoekonomiku, tista' tikkostitwixxi għodda prezzjuża sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi jew ir-reġjuni Ewropej, jittaffew it-tendenzi nazzjonalisti permezz tal-kunsens soċjali, ir-rispett u l-aċċettazzjoni reċiproċi u tikkontribwixxi, permezz tal-ħolqien ta' valur miżjud Ewropew għall-komunitajiet ta' interess, sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020.

5.20 L-istrateġiji makroreġjonali jistgħu jkunu strumenti utli biex jimtlew il-lakuni fir-rigward tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni lill-pubbliku. Il-popolazzjoni tal-lokalitajiet u r-reġjuni kkonċernati u l-intrapriżi għandhom ikunu infurmati aħjar fir-rigward tal-programmi u l-proġetti li jkunu għaddejjin.

Brussell, 16 ta' Ottubru 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE